**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 28 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 1112/2017 AF**

**Grands Properties Limited (C-30423)**

**vs**

**Colin King ghan-nom u in rapprezentanza ta' bintu Samantha Frances King (Passaport Ingliz Numru: 301651975)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Grands Properties Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet tawtorizza lis-socjetà rikorrenti tghaddi ghall-ezekuzzjoni tal-istess titolu ezekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn hames (5) snin minn meta seta' jigi ezegwit l-imsemmi titolu u d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li r-rikorrenti ghandu: "jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn; li jkun

qieghed ifittex l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Colin King.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jitrattaw ir-rikors.

Ikkunsidrat illi l-Art. 258(c) tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

> *"Wara*
>
> ....
>
> *(c) l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit.*
>
> *l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."*

Kif ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-decizjoni Carmelo Borg vs Rosaria Vella (31 ta' Mejju 2000):

> *"Illi dwar it-tieni kawza citata, fejn allegatament qed tigi attakkata l-validità tal-ewwel kuntratt citat, din ukoll ma hijiex ostakolu ghal din il-procedura, limitata fl-iskop taghha ghal dak indikat fl-**Artikolu 258 tal-Kap 12** u xejn izjed, hlief l-accertament li l-att partikolari li qed tintalab l-esekuzzjoni tieghu wara hames (5) snin ikun wiehed mit-titoli ezekuttivi indikati fl-**Artikolu 253 tal-Kap 12**."*

Ukoll fid-decizjoni HSBC Bank Malta plc vs John Dalli et (18 ta' April 2002):

*"Illi minn dan jidher li l-unika ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhhu dwar l-esistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh."*

Fil-kaz in ezami jirrizulta kuntratt datat 19 ta' Settembru 2006 li permezz tieghu Samantha Frances King giet konfermata debitrici tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' Lm8500. Minn naha taghha, din tallega li, in segwitu ghall-ftehim milhuq, dan l-ammont m'ghadux dovut. Issa kif ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-decizjoni Joseph Perici Calascione vs Mario Fenech (12 ta' Dicembru 2000):

*"Li l-Qorti thoss li apparti l-fatt li l-unika konsiderazzjoni li ghandha taghti din il-Qorti f'procedura bhal din, hija biss dwar l-ezekuzzjoni tas-sentenza u l-ezistenza tal-istess sentenza, u wkoll li tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza biss ghall-ammont kononizzat li jkun ghadu ma thallasx, jidher car li la darba l-intimat qed jallega li huwa hallas l-ammonti kollha dovuta, l-oneru tal-prova tal-istess pagamenti hija kollha fuqu u dan in konformità mal-principju li min jallega ghandu l-oneru tal-prova."*

Fil-kaz in ezami, il-ftehim li allegatament gie milqugh bejn il-partijiet ghar-rigward tal-pendenzi bejniethom ghadu soggett ta' proceduri gudizzjarji pendenti u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tqis li l-hlas tad-dejn sar kif trid il-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Grands Properties Limited kif dedotta fir-rikors taghha tas-7 ta' Dicembru 2017.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF

DEP/REG